MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 34/2011

**Justin Spiteri**

**vs**

**Support Services Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-26 ta' Settembru 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzjat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"1. Riferenza***

*Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar l-14 ta' Gunju 2010.*

***2. Rapprezentanza***

*2.1 Justin Spiteri, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun minn missieru Michael u mill-Avukat Ian Spiteri Bailey.*

*2.2 Il-kumpanija Support Services Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Philip Bonnici meghjun mill-Avukata Anna Mifsud Bonnici.*

***3. Fatti fil-qosor tal-kaz***

*Ir-rikorrent beda fl-impieg mal-kumpanija intimata nhar l-01.07.09 taht l-iskema ta' Employment Aid Programme bhala disabled employee fil-kariga ta' Careworker fuq kuntratt whole-time ghal zmien minghajr terminu, u bi prova ghaz-zmien statutorju ta' sitt xhur. Nhar is-27.02.10 kien ordnat johrog fuq leave minghajr hlas minghajr ma nghata r-raguni ghaliex. Wara li ghaddew tliet gimghat u ma sema' xejn minghand il-Principal tieghu, huwa ha parir legali u nhar it-18.03.10 l-Avukat tieghu kkomunika bil-kitba mal-kumpanija intimata. Nhar it-12.04.10 ircieva ittra minghand il-kumpanija intimata li biha kien mgharraf li kien intemmlu l-impieg b'effett retroattiv mid-data li kien ordnat johrog fuq leave minghajr hlas minhabba lmenti li kienu ghamlu l-Awtoritajiet tal-Isptar Mater Dei fejn kien jahdem rigwardanti l-qadi, ta' dmirijietu. Aktar tard saritlu offerta mill-kumpanija intimata biex jerga jibda jahdem fl-istess kariga f'taqsima ohra tal-isptar fuq zmien ta' prova ghal tul ta' zmien mhux maghruf, li hu fehem li seta' jaccetta biss b'certi kundizzjonijiet li ma kinux milqugha mill-kumpanija intimata. Minhabba f'dan kollu huwa rrefera l-kaz biex jinstema' mit-Tribunal Industrijali.*

*4.* ***Lista tax-xhieda***

*4.1 Jackie Abela, Salvina Bonanno, Gaetan Bonnici, Philip Bonnici, Frances Borg Galea, Marco Buttigieg u John Cassar xehdu ghall-kumpanija intimata.*

*4.2 Dr. Karl Spiteri u Michael Spiteri xhedu ghar-rikorrent.*

***5. Lista ta' dokumenti***

*5.1 Ir-rikorrent esebixxa:*

*5.1.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz datata 14.06.10 konsistenti fi tliet pagni u seba' dokumenti mmarkati, minn Dok.A sa Dok.G.*

*5.1.2 Kopja ta' rapport minn taghmir elettroniku li juri s-sahra li hu hadem bejn id-29.12.09 u 1-24.02.10 immarkata, MS1.*

*5.1.3 Kopja ta' ittra datata 11.06.10 minghand l-Awtorita', Nazzjonali tax-Xoghol rigwardanti l-appell li kien ghamel biex ikun jista' jirregistra ghax-xoghol fl-ewwel parti tar-registru immarkata, MS3.*

*5.1.4 Kopja ta' ittra datata 02.07.10 minghand l-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol bi twegiba li l-Awtorita' kienet laqghet it-talba tieghu biex ikun jista' jirregistra fl-ewwel parti tar-registru ukoll immarkata, MS3.*

*5.1.5 Kopji ta' sensiela ta' 27 ittra minn awturi differenti, xi whud b'dati differenti u ohrajn minghajr data, ebda wahda minnhom guramentata, kollha jikkonfermaw li r-rikorrent kien jaghmel xoghlu tajjeb immarkati, MS4.*

*5.1.6 Kopja tat-trattazzjoni tal-kaz konsistenti fi tmien pagni.*

*5.2 Il-kumpanija intimata esebiet:*
*5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz datata 19.10.10 konsistenti f'hames pagni immarkata Dok SS1 u tmien dokumenti immarkati Dok SS2 sa Dok SS9.*

*5.2.2 Kopja ta' ittra datata 13.04.10 minghand Philip Bonnici lill-Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei li fiha talab aktar dettalji dwar l-ilmenti versus ir-rikonent immarkata, Dok. ??*

*5.2.3 Kopja ta' nota minghand Brigitte Gafa', l-Avukata tal-Isptar Mater Dei depozitata fir-Registru tal-Qorti mill-Prokaratur Legali Alan Scicluna li waslet ghand it-Tribunal*

*Industrijali nhar is-07.03.11. Din kellha annessa maghha dikjarazzjoni datata 07.05.10 ta' Marco Buttigieg mibghuta lill-Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei.*

*5.2.4 Kopja ta' ittra minghand il-Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei, datata 11.05.10. Din kellha annessa maghha dikjarazzjoni datata 10.05.10 ta' Salvina Bonanno mibghuta lil Philip Bonnici immarkata, DokSS5.*

*5.2.5 Kopja ta' estratt ta' pagna 53 tas-Service Agreement bejn il-kumpanija ntimata u l-Isptar Mater Dei mmarkata, Dok.PBI*

*5.2.6 Kopja tat-trattazzjoni tal-kaz konsistenti f'disa' pagni.*

***6. Gabra fil-qosor tax-xhieda***

*6.1* ***Jackie Abela****, mpjegata fil-kariga ta' Supervisor mal-kumpanija intimata, stqarret li r-rikorrent kien jahdem fil-kariga ta' Careworker mal-kumpanija ntimata, kien dejjem allokat fl-Isptar Mater Dei u kien jaghmel xoghlu tajjeb. Maz-zmien bdiet tisma' minghand kollegi tieghu xi lmenti dwar kif kien jaqdi dmirijietu, fosthom li kien jiftahar bil-kariga ta' missieru fl-isptar, u wkoll li kien isuq b'ghagla pazjenti fil-wheelchair, izda ma hadet ebda azzjoni. Dan ghaliex l-ewwel ilment ma qisitux bhala offiza, u t-tieni wiehed ma kienx wasal ghandha minn sorsi ufficjali. Kienet mgharrfa wkoll li jum fost l-ohrajn ir-rikorrent kien dahal l-emergenza b'attakk ta' epilessija u l-ghada dahal lura ghax-xoghol minghajr ma qal lil hadd x'kien gralu. Ftit taz-zmien wara Salvina Bonanno qaltilha b'riferenza ghar-rikorrent li ma setghetx tkompli tilqa' fl-isptar Carewokers li ma kinux jafu jaqdu dmirijiethom tajjeb, specjalment fejn jirrigwarda s-sigurta' tal-pazjenti. Minhabba li kienet ser tiehu gimgha leave, hi u Philip Bonnici ltaqghu mar-rikorrent fil-prezenza ta' missieru u gharrfuh b'dak li kienu jafu dwar xoghlu u qalulu biex johrog fuq gimgha leave minghajr hlas u wara li x-xhud tidhol lura jkunu jistghu jergghu jitkellmu. Wara xi zmien il-kumpanija ntimata kienet mgharrfa mill-Awtoritajiet tal-isptar bid-dettal ta' l-istess ilmenti, u minhabba li dawn kienu jirrigwardaw nuqqasijiet meqjusa serji, bdew diskussjonijiet bejn*

*rapprezentanti tal-isptar u l-kumpanija intimata biex jinstab xoghol alternattiv ghar-rikorrent f'taqsima ohra tal-isptar. Minkejja li kien intlahaq ftehim bejn ir-rapprezentanti tal-isptar u l-kumpanija ntimata dwar alternattiva fid-Dipartiment ta' l-Outpatients fejn ir-rikorrent seta' jahdem, l-istess kumpanija qatt ma kienet mgharrfa f'liema taqsima ta' l-Outpatients seta' jintbaghat jahdem ir-rikorrent. Meta wara xi zmien din l-offerta saret lir-rikorrent, dan irrifjutaha.*

***6.2 Salvina Bonanno,** impjegata fl-Isptar Mater Dei fil-kariga ta' Manager-Nursing Services, stqarret li x-xoghol taghha jinkludi li ddur is-swali u ghalkemm ma tiftakarx li ltaqghet mar-rikorrent kienet taf li kien jahdem bhala Careworker mal-kumpanija ntimata allokat fl-istess sptar. Ziedet tghid li jum fost l-ohrajn iltaqghet ma' Jackie Ebejer fil-kuritur u ghall-ewwel darba gharrfitha bl-ilmenti li kienu waslulha minghand haddiema fl-isptar dwar ix-xoghol tar-rikorrent. Jackie Ebejer wegbitha ii kienet ser tkellmu u l-prontezza taghha tatha l-impressjoni li kienet ga taf xi haga dwar l-istess ilmenti. Skont ma kienet mgharrfa x-xhud, l-ilmenti ma kinux bazati fuq xi okkazjoni unika u twasslu ghandha ghaliex l-ewwel tentattivi ta' korrezzjoni minn subordinati taghha ma kellhomx l-effett mixtieq. Ix-xhud ikkonfermat li ghalkemm ir-rikorrent kien tajjeb biex jaghmel certu xoghol ma kienx jaqdi dmirijietu tajjeb fix-xoghol li jappartjeni s-sigurta' tal-pazjenti, bhal perezempju, trasport bil-wheelchair u trasferiment minn sodda ghal fuq wheelchair jew pultruna. It-Tnejn ta' wara li kellmet lil Jackie Ebejer kienet mgharrfa minn Michael Spiteri li r-rikorrent kien twaqqaf mix-xoghol u nhasdet, u ghalhekk meta kitbet l-ittra mmarkata Dok.SS3 qalet li hi qatt ma tat struzzjonijiet lill-kumpanija intimata biex ittemm l-impieg tar-rikorrent. Immedjatament wara saret laqgha bejn l-Awtoritajiet tal-isptar, fosthom missier ir-rikorrent, u rapprezentanti tal-kumpanija intimata li matulha saru diskussjonijiet biex tkun identifikata taqsima ohra fejn ir-rikorrent seta' jintbaghat jahdem minghajr riskji ghas-sigurta' tal-pazjenti. Xi zmien wara kienet kitbet biex tiddiskrivi f'aktar dettal l-ilmenti li kienet semmiet f'termini generali fl-ewwel ittra taghha. Murija l-ittra datata 20.04.10 immarkata, Dok.SS6, ix-xhud ikkonfermat li ghalkemm ir-*

*rikorrent ma kompliex jidher fi-isptar, hi rreferiet ghalih fl-ittra bhala "l-impjegat taghkom" ghaliex ma kinitx taf li ntemmlu l-impieg.*

***6.3 Gaetan Bonnici,*** *impjegat fil-kariga ta' konsulent mal-kumpanija ntimata, stqarr li hu la ghandu ishma u lanqas ma hu Direttur tal-kumpanija ntimata, u li hu kien involut fil-kaz in kwistjoni sa mill-bidu. Zied jghid li f'xi zmien il-kumpanija ntimata rceviet ittra datata 30.03.10 minghand Salvina Bonanno fejn gharrfet lill-kumpanija ntimata f' termini generali b'ilmenti rigwardanti x-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent relatat mas-sigurta' tal-pazjenti. Ix-xhud zied jghid li fid-dawl tal-kontenut ta' l-ittra, hu ta parir lill-kumpanija ntimata biex titlob lill-Awtoritajiet tal-isptar deskrizzjoni dettaljata ta' l-ilmenti. Din it-talba ntlaqghet u d-dettalji waslu ghand il-kumpanija ntimata b'ittra datata 10.05.10. Zied jghid li fid-dawl ta' dan l-ahhar taghrif, u tal-provvediment kuntrattwali li jaghti d-dritt lill-Awtoritajiet tal-isptar li joggezzjonaw ghall-prezenza fl-isptar ta' kwalsijasi mpjegat tal-kuntrattur, il-kumpanija intimata ma kellhiex triq ohra ghajr li ttemm l-impieg tar-rikorrent, izda ma ftakarx meta saret it-temma ta' l-impieg. Zied jghid li l-fatt li l-istess Awtoritajiet tal-isptar offrew trasferiment ghal taqsima ohra, juri kemm l-istess awtoritajiet kienu konvinti li r-rikorrent ma kienx jaqdi kif mistenni dmirijietu relatati mal-pazjenti fejn kien allokat. L-offerta li ghamlu l-Awtoritajiet tal-isptar twasslet ghand ir-rikorrent bl-istess kundizzjoni ta' prova li ghamlu l-istess Awtoritajiet tal-isptar, izda din ma ntlaqghetx mir-rikorrent.*

*6.4* ***Philip Bonnici,*** *impjegat fil-kariga ta' Human Resources Manager mal-kumpanija ntimata, stqarr li l-kumpanija ntimata tipprovdi servizz ta' Nurses u Careworkers lill-entitajiet governattivi u privati. Zied jghid li r-rikorrent kien impjegat fil-kariga ta' Careworker fl-isptar Mater Dei fuq kuntratt whole-time ghal zmien indefinit fuq zmien ta' prova ta' sitt xhur li ghalqu nhar il-31.12.09. Nhar is-26.02.10 Salvina Bonanno qaltlu biex jissospendi s-servizzi tar-rikorrent minhabba rapporti li kienu waslulha dwar nuqqasijiet tar-rikorrent fil-qadi ta' dmirijietu, izda ma qaltlux x'kienu dawn l-allegati nuqqasijiet. Fl-istess jum kellem lir-rikorrent fil-prezenza ta' missieru u ghalkemm ir-*

*rikorrent wiegbu li ma kien jaf bl-ebda nuqqasijiet, ix-xhud qallu li minhabba dak li allegatament gara kien ser iwaqqfu u jinvestiga l-allegazzjonijiet. Wara din il-laqgha x-xhud sa minn kmieni beda jinsisti ma' l-Awtoritajiet tal-isptar Mater Dei biex jibaghtulu bil-miktub spjega dettaljata ta' l-allegati nuqqasijiet. Dawn id-dettalji talabhom ghaliex deherlu li r-rikorrent kellu dritt ikun jaf dawn id-dettalji dwar l-allegati nuqqasijiet u wkoll ghaliex jekk id-dettalji jkunu ta' natura serja jittratta l-kaz mod, u jekk ma jkunux jittratta mod iehor. Ix-xhud ikkonferma li l-kumpanija ntimata ghandha procedura mhux miktuba ta' process dixxiplinarju, izda ma jinzammux dettalji, hlief ta' twiddib miktub. Id-dettalji ta' l-allegati nuqqasijiet li kienu ta' natura serja waslulu permezz ta' ittra datata 10.05.10 minghand Salvina Bonanno kwazi tliet xhur wara li l-kumpanija ntimata kienet ga temmet l-impieg tar-rikorrent b'effett retroattiv ghas-26.02.10 ghaliex minhabba n-natura ta' l-offizi ma setax jibaghtu jahdem post iehor. Wara xi zmien l-Awtoritajiet tal-isptar gharrfuh bil-miktub li kienu lesti jaccettaw lura lir-rikorrent biex jahdem bi prova f'taqsima ohra tal-Isptar Mater Dei. Din l-offerta ghamilha lir-rikorrent li ghall-ewwel qallu li kien ser jikkonsidraha u jwiegbu aktar tard. Wara zmien qasir ircieva minghand il-konsulent legali tar-rikorrent li kien lest jaccetta l-offerta b'kundizzjonijiet li ma kinux accettabbli ghall-kumpanija intimata ghaliex kienu konflingenti mal-kundizzjonijiet li kienu impustaw l-Awtoritajiet tal-Isptar Mater Dei.*

*6. 5 **Frances Bory Galea**, mpjegata fil-kariga ta' Deputy Nursing Officer fl-isptar Mater Dei, stqarret li r-rikorrent kien jahdem maghha fil-kariga ta*[1] *Careworker fl-Observation Ward u gie li kienet tiltaqa' mieghu matul xi xift. Ziedet tghid li kien impjegat attiv u hafif f'xoghlu, izda kien mehtieg li jkun osservat rninn ohrajn u li jkun imfakkar spiss fuq diversi affarijiet.*

*6.6 **Marco Buttigieg**, impjegat fil-kariga ta' Nursing Officers-Observation Ward fl-lsptar Mater Dei, stqarr li kien ilu jaf lir-rikorrent madwar seba' xhur bhala wiehed mill-Careworkers li jahdmu fis-sala li hu inkarigat minnha. Zied jghid li fuq medda ta' zmien kienu waslulu lmenti minghand diversi Nurses u pazjenti dwar ix-xoghol li kien*

*jaghmel ir-rikorrent rigwardanti s-sigurta' tal-pazjenti. Ix-xhud ikkonferma li hu kien jiltaqa' minn darba sa darbtejn fil-gimgha fl-istess xift mar-rikorrent, izda qatt ma rah jigri b'wheelchair mghobbi b'xi pazjent. Ix-xhud kompla jghid li ghalkemm kien jaf li missier ir-rikorrent kien jahdem fl-istess sptar ma fehemx li kellu ghalfejn ikellmu dwar is-suggett, kien gharraf b'kollox lir-rikorrent u minhabba li kompla jirreppeti l-istess nuqqasijiet kien tkellem ma' John Cassar li jokkupa kariga oghla minnu. Wara, t-tnejn li huma tkellmu ma' Salvina Bonanno u din talbithom jaghmlu rapport bil-miktub. Dan ir-rapport sar minnu u minn Frances Borg Galea.*

*6.7* ***John Cassar****, impjegat fil-kariga ta' Departmental Nursing Manager fl-isptar, stqarr li kien jaf lir-rikorrenti bhala Careworker mal-kumpanija intimata, li kien allokat jahdem fl-Observation Ward, u li fl-osservazzjonijiet li kien jaghmel meta jdur is-swali kien jarah bhala persuna habrieka. Zied jghid li f'xi zmien Marco Buttigieg kien wassallu zewg ilmenti li jirrigwardaw giri bil-wheelchair mghobbi li f'dan il-waqt ir-rikorrent kien wahdu, u abbandun ta' pazjent biex iwiegeb it-telefon tieghu meta f'dan il-waqt kienu zewg Careworkers, u l-istess Marco Buttigieg talab li jkellem ill Salvina Bonanno dwar dawn l-attaggjamenti. Wara xi zmien kienet saret laqgha bejn rapprezentanti ta' l-Awtorita' tal-isptar u l-kumpanija intimata, fosthom Philip Buttigieg, li matulha kienet diskussa l-possibbilta' li jinstab post alternattiv fejn ir-rikorrent seta' jintbaghat jahdem. Ix-xhud temm jghid li qatt ma sema' xi rapprezentant tal-isptar jghid lill-kumpanija intimata biex ittemm l-impieg tar-rikorrent.*

*6.8 Karl Spiteri, hu r-rikorrent u impjegat fil-kariga ta' tabib fl-isptar Mater Dei, stqarr li hu kien jahdem fit-taqsima ta' Medicina fl-isptar u konsegwentement kien jahdem f'hafna swali fejn ta' spiss kien ikollu kuntatt ma' huh Justin. Zied jghid li kien jaf li huh kien haddiem biezel u qatt ma rah jew kien mgharraf minn xi hadd li kien jaghmel xi atttivita` li kienet tipperikola s-sigurta tal-pazjenti fdati lilu. Ix-xhud temm jghid li bhala tabib kien jezamina pazjenti fl-isptar kuljum u mhux talli hadd minnhom ma lissinlu xi lment*

*dwar xoghol huh, izda talli kienu jghidulu li Justin kien jiehu hafna hsiebhom.*

***6.9 Michael Spiteri,*** *missier ir-rikorrent u mpjegat fil-kariga ta' Night Manager mal-isptar Mater Dei, stqarr li r-rikorrent attenda u kkwalifika minn zewg korsijiet ta' taghrif u tahrig fix-xoghol ta` Careworker. Zied jghid li minhabba l-kundizzjoni fizika t'ibnu kien mehtieg li fil-bidu tal-impjieg tieghu jahdem bhala sostitut biss, u f'Settembru 2009 minnflok sostitut kien allokat fis-sala ta' l-osservazzjoni. Tant kien jaghmel xoghlu tajjeb li l-kumpanija ntimata bdiet regolarment thaddmu bis-sahra. Nhar is-27.02.10, meta hu u ibnu Justin kienu waslu biex itemmu x-xoghol ta' bil-lejl kellmitu Jackie Abela u talbitu biex hu u ibnu jibqghu jistennew wara t-tmiem tax-xift ghaliex kien gej Philip Bonnici biex jitkellem maghhom. Meta wasal Philip Bonnici saret laqgha li ghaliha kienu prezenti Philip Bonnici, Jackie Abela, hu u ibnu. Matul din il-laqgha Philip Bonnici qalilhom li kien mehtieg li r-rikorrent jiehu gimgha vaganza minghajr ma spjega r-raguni ghaliex kien mehtieg hekk. Minhabba li ibnu ma kienx talab leave, hu staqsa jekk din kinitx ser tkun bi hlas u t-twegiba ma kinitx cara, izda s-sens kien li ma kienx ser jithallas. Wara l-laqgha mar jistaqsi lil Jackie Abela u din qaltlu li hekk kien mehtieg li jsir, u ziedet tghidlu li t-Tnejn ta' wara kienu ser jiltaqghu mieghu biex jitkellmu dwar is-suggett. Wasal it-Tnejn u saret laqgha li ghaliha flimkien mieghu attendew Jackie Abela, Philip Bonnici, Salvina Bonanno u John Cassar. Matul din il-laqgha sar jaf li r-raguni li ibnu twaqqaf mix-xoghol kienet li Jackie Abela kienet fuq gimgha leave u xejn izjed. Ghaddew tliet gimghat u minhabba li ma semghu xejn dwar il-kwistjoni, hu u ibnu marru d-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u Impiegi fejn wara li spjega dak li kien gara, nghata parir biex jikkonsulta ma' Avukat. Nhar it-18.03.10 il-konsulent legali tieghu kiteb lill-kumpanija ntimata. Meta wasal is-Sibt ta' wara cempillu Philip Bonnici u wara li qallu li ma kienx hemm ghalfejn idahhal Avukat, gharfu li Justin kien intemmlu l-impieg minhabba dixxiplina u li d-dettalji kien ser isir jafhom aktar tard. Ix-xhud ikkonferma li hu kien jiltaqa' ta' spiss waqt il-hin tax-xoghol ma' Jackie Abela u din qatt ma qaltlu xejn dwar l-allegati nuqqasijiet ta' ibnu,*

*u zied jghid li l-ittra ta' Salvina Bonanno qatt ma raha. Nhar it-22.03.10 wasalu taghrif minghand il-Korporazzjoni ghall-Impiegi u Tahrig li l-kumpanija ntimata kienet temmet l-impieg ta' ibnu b'effett retroattiv ghas-26.02.10. Minhabba r-raguni ii nghatat ghat-temma ta' l-impieg, ibnu seta' jirregistra biss fuq it-tieni parti tar-registru, u wara l-appell tpogga fuq l-ewwel parti tar-registru. Ix-xhud ikkonferma li ibnu qatt ma kien akkuzat b'xi offiza kontrih, u konsegwentement qatt ma kellu l-opportunita' jiddefendi lilu nnifsu. Aktar tard mar id-Dipartiment tas-Sahha fejn tkellem ma' Glenn Bugeja dwar dak li sehh fil-kaz t'ibnu. Glenn Bugeja talbu jgiblu kemm seta' riferenzi dwar kif kien jaghmel xoghlu r-rikorrent biex ikun jista' jara jekk kienx hemm lok li ssir xi inkjesta dwar dak li sehh fil-konfront tar-rikorrent. Ix-xhud kompla li bil-pretenzjoni li ibnu kien qieghed ifittex impieg alternattiv, hu kiseb madwar tletin riferenza minghand diversi impjegati fl-isptar. Ix-xhud temm jghid li ibnu qieghed jattendi kors ta' taghrif u tahrig fil-kullegg M.C.A.S.T. u li minhabba f'hekk qatt ma hadem minn meta ntemmlu l-impieg minn mal-kumpanija intimata.*

***7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet***

*7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukata Anna Mifsud Bonnici ghall-kumpanija intimata:*

*7.1.1 Stqarret li:*

*• Ir-raguni ghat-temma tal-impieg tar-rikorrent kienet li l-kumpanija ntimata rceviet ilmenti minghand l-Awtoritajiet tal-isptar Mater Dei dwar nuqqasijiet tar-rikorrent fil-qadi ta' dmirijietu versu s-sigurta' tal-pazjenti.*

*• Sa mill-bidu tal-kaz il-kumpanija intimata kitbet lill-Awtoritajiet tal-isptar u talbet id-dettalji ta' l-allegati nuqqasijiet u dawn waslulha nhar l-10.05.10. Dawn id-dokumenti, wiehed minghand Salvina Bonanno u l-iehor minghand Marco Buttigieg, jiddiskrivu fid-dettal l-allegati nuqqasijiet tar-rikorrent fil-qadi' ta' dmirijietu li minhabba li jheddu s-sigurta' tal-pazjenti huma meqjusa nuqqasijiet serji.*

*• Konformi mal-provvediment kuntrattwali bejn il-kumpanija ntimata u l-Isptar Mater Dei, l-Awtoritajiet tal-isptar talbu lill- kumpanija intimata biex tirtira s-servizz tar-rikorrent mill-isptar. Iffaccjata b'dawn ic-cirkustanzi l-kumpanija intimata ma kellhiex triq ohra ghajr li ttemm l-impieg tar-rikorrent.*

*• Il-kumpanija ntimata flimkien mal-Awtoritajiet tal-isptar ppruvaw jiskopru fejn seta' jintbaghat jahdem ir-rikorrent u fl-istess waqt ma tkomplix tkun mhedda s-sigurta' tal-pazjenti, u kkonkludew ii jintbaghat jahdem f'taqsima ohra fuq prova. Din l-offerta kienet mgharrfa lir-rikorrent li wara li hasibha, irrifjutaha.*

*• Il-provi kollha tar-rikorrent kienu minghand familjari u d-dokumenti esebiti bhala riferenzi kienu minghand impjegati li kollha jirrapportaw, lil Michael Spiteri, missier ir-rikorrent.*

*• Minn dan kollu jirrizulta li l-kumpanija ntimata kellha raguni tajba u bizzejjed biex ittemm l-impieg tar-rikorrent.*

*7.1.2 Talbet biex fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-temma ta' l-impieg tar-rikorrent kienet gusta u bizzejjed skont il-ligi u konsegwentement ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent.*

*7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Ian Spiteri Bailey f'isem ir-rikorrent:*

*7.2.1 Stqarr li:*

*• Nhar is-27.02.10 zewg rapprezentanti tal-kumpanija ntimata ltaqghu mar-rikorrent fil-prezenza ta' missieru Michael Spiteri, u wara li gharrfuh li kienu waslulhom ilmenti dwar il-qadi ta' dmirijietu ordnawlu biex ma jattendix ghax-xoghol ghal gimgha shiha, sakemm issir investigazzjoni tal-allegati nuqqasijiet.*

*• Kmieni f'April 2010 il-Kap Ezekuttiv tal-isptar baghtet ittra datata 05.04.10 lill-kumpanija intimata li maghha kien hemm mehmuza dikjarazzjoni datata 30.03.10 miktuba*

*minn Salvina Bonanno li fiha kien hemm deskrizzjoni miktuba bi frazi ta' natura generali ta' l-ilmenti dwar il-mod kif ir-rikorrent kien jaqdi dmirijietu.*

*• Wara xi zmien il-kumpanija intimata waslitilha ittra datata 20.04.10 miktuba minn Salvina Bonanno u kkonfermata mill-Kap Ezekuttiv tal-isptar fejn kienet mgharrfa li l-Awtoritajiet tal-isptar kienu lesti jilqghu lura lir-rikorrent bi prova fl-istess kariga, izda f'taqsima ohra bi prova.*

*• Wara bdil ta' ittri bejn iz-zewg partijiet matul April 2010, il-kumpanija intimata rceviet ittra datata 10.05.10 miktuba minn Salvina Bonanno li kienet tiddiskrivi fid-dettal l-ilmenti rigwardanti xoghol ir-rikorrent flimkien ma' offerta biex jerga' jibda jaghmel xoghlu ftaqsima alternattiva.*

*• Ir-rikorrent ghandu l-kwalifiki necessarji biex jahdem fil-kariga ta' Careworker u kif jirrizulta mill-provi ta' Michael Spiteri missieru, u huh Dr. Karl Spiteri, ir-rikorrent kien jaqdi dmirijietu tajjeb. Tant hu hekk li matul l-impieg tieghu, ir-rikorrent qatt ma kien imwiddeb dwar xi nuqqasijiet fil-qadi ta' dmirijietu.*

*• Ir-rikorrent kellu i-impieg tieghu mitmum minghajr opportunita ta' difiza ghall-akkuzi li waslu ghand il-kumpanija intimata zmien wara li kien ga ntemmlu l-impieg.*

*• Ghamel riferenza estensiva ghall-diversi sentenzi tal-Qrati Inglizi u ghal diversi decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali Malti, li kollha jishqu fuq id-dritt li kull akkuzat ghandu jkun jaf x'inhuma l-akkuzi kontrih, u li jinghata l-opportunita` li jiddefendi ruhu.*

*7.2.2 Talab lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-temma ta' l-impieg tar-rikorrent ma kinitx ghal raguni gusta u bizzejjed skont il-ligi, u jaghti lir-rikorrent kumpens xieraq.*

***8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali***

*8.1 Jirrizulta mill-provi li:*

*• Is-sensiela ta' dikjarazzjonijiet esebiti mir-rikorrent immarkati MS4 ma kinux mahlufa, u hadd mill-awturi ma ttella' jixhed. Minhabba f'dan it-Tribunal Industrijali ma hax konjizzjoni tal-kontenut taghhom.*

*• Ghalkemm hu minnu li Michael Spiteri u Dr. Karl Spiteri huma missier u hu r-rikkorrent rispettivament, ix-xhieda taghhom kienet kredibbli, u minhabba f'hekk it-Tribunal Industrijali ta kunsiderazzjoni xierqa ghax-xhieda taghhom.*

*• Ir-rikorrent temm iz-zmien statutorju ta' sitt xhur prova fi tmiem is-sena 2010, u t-tkomplija tieghu fl-impieg kienet konferma informali li l-kumpanija kienet sodisfatta b'xoghlu.*

*• Meta l-kumpanija ntimata kienet mgharrfa formalment bl-allegati nuqqasijiet tar-rikorrent, inizjalment agixxiet b'kunsiderazzjoni, u b'sensitivita' kommendabbli ghad-drittijiet tar-rikorrent. Dan ghaliex ma harget ebda akkuza versu r-rikorrent dwar dak li saret taf bil-fomm f'termini generali, qabel ma tinghata bizzejjed dettalji dwar l-allegati nuqqasijiet biex tkun tista' tasal ghal decizjoni ahharija gusta. B'dana kollu t-tieni decizjoni tal-kumpanija ntimata li tissospendi lir-rikorrent ghal zmien minghajr terminu u minghajr paga jikser il-provvedimenti ta **l-artiklu 19 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta**.*

*• Ftit granet wara nofs Marzu 2010 l-kumpanija ntimata rceviet l-ittra datata 18.03.10 minghand l-Avukat ta' fiducja tar-rikorrent. Ftit granet wara r-rapprezentant tal-kumpanija intimata gharraf lil missier ir-rikorrent li kien ser itemm l-impieg tar-rikorrent, u hekk gara. Dan sehh kwazi xahrejn qabel ma waslulha d-dettalji li talbet dwar l-allegati nuqqasijiet tar-rikorrent permezz tal-ittra datata 10.05.10 miktuba minn Salvina Bonanno.*

*• F'Mejju 2010, propju meta waslilha t-taghrif li kienet ilha tinsisti ghalih u kuntrarju ghall-kunsiderazzjoni sensittiva lejn id-drittijiet tar-rikorrent li l-kumpanija intimata wriet fl-ewwel stadju tal-kaz, it-tielet decizjoni li hadet li ttemm l-*

*impieg tar-rikorrent haditha bi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali audi alteram partem.*

*8.2 It-Tribunal Industrijali jaghraf tajjeb id-diffikultajiet li jiffaccjaw Principali ta' kumpaniji li jiksbu kuntratti biex jipprovdu servizz ta' impjegati lil terzi, fejn it-terzi jirretjenu d-dritt li minghajr ma tinghata opportunita' lill-kuntrattur biex jinvestiga l-allegazzjonijiet taghhom jirrifjutaw li jaccettaw jew ikomplu jilqghu ghandhom impjegati ta' kuntrattur li jkunu allokati maghhom. Minkejja dawn id-diffikultajiet, il-Principali xorta wahda fkazi bhal dawn ghandhom isegwu l-obbligi taghhom kollha skont il-ligi.*

***9. Decizjoni***

*It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, u ghamel riferenza ghall-provvedimenti ta' l-**Artiklu 81 (2) (a) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta**, jaqta' u jiddeciedi li:*

*9.1 Il-kumpanija ntimata naqset li taghti opportunita' lir-rikorrent li jiddefendi ruhu rigwardanti l-allegati akkuzi kontrih li ghamlu l-Awtoritajiet tal-isptar, u konsegwentement kisret il-principju tal-gustizzja naturali, audi alteram partem. Minhabba f'hekk it-temma tal-impieg tar-rikorrent ma saritx ghal raguni tajba u bizzejjed skont il-Ligi.*

*9.2 Il-kumpanija ntimata ghandha thallas lir-rikorrent is-somma ta' Tmint Elef u Tmienja u Ghoxrin Ewro (€8,028) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta.*

*Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax-il centezmu (€93.17).”*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta Support Services Limited datat 5 ta’ Ottubru 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa’ l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' Justin Spiteri dententur tal-karta tal-identita` bin-numru 542188 (M) datata 24 ta' Ottubru 2011 a fol 12 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Frar 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta' Frar 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Anna Mifsud Bonnici ghas-socjeta` appellanti. Deher l-appellat Justin Spiteri assistit minn Dr. Ian Spiteri Bailey. L-Avukati trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Novembru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 26 ta' Settembru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

L-appell odjern huwa fis-sens li t-Tribunal fid-decizjoni tieghu qal Industrijali fid-decizjoni tieghu kien qal biss li s-socjeta' appellanti kienet kisret l-**artikolu 19 tal-Kap. 452** meta ssospendiet lill-appellat mix-xoghol minghajr terminu u wara tkecca mix-xoghol bla ma gie nformat ghaliex b'dan li lanqas kellu opportunita' jiddefendi ruhu u dan imur kontra l-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem.* Allura skont l-appellanti t-Tribunal Industrijali agixxa *ultra vires* ghaliex qatt ma ddecieda li t-tkeccija tal-appellat kienet ingusta, izda xorta wahda llikwida kumpens favur l-appellat. Mela allura skont l-appellanti t-Tribunal qatt ma wasal biex jiddeciedi li t-tkeccija tal-appellat kienet wahda ingusta u saret biss decizjoni dwar il-punt li t-Tribunal ma tax smigh xieraq lill-appellat, li ma

huwiex fil-kompetenza tal-istess; (b) jinghad ukoll li t-Tribunal allegatament ma hax konsiderazzjoni tax-xhieda prodotti mis-socjeta’ appellanti fejn jirrizulta skont hija li l-appellat kien informat ghaliex kien qed jigi mitmum l-impjieg tieghu (Jackie Abela; Philip Bonnici; Salvina Bonanno); (c) il-kumpens likwidat ma huwiex dovut ghaliex kien hemm tkeccija gusta; (d) li ma inghatatx raguni fid-decizjoni ghaliex sehhet tali decizjoni, b’dan li s-sentenza tat-Tribunal ma hijiex motivata skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 218 tal-Kap. 12.**

Din il-Qorti thoss li l-ewwel aggravju indikat f’din id-decizjoni bl-ittra (a) ma huwiex ben fondat ghaliex dak li gie deciz mit-Tribunal Industrijali kien li effettivament is-socjeta’ appellanti tterminat l-impjieg tal-appellat bla ma nformatu ghaliex kien qed jitkecca, u wisq inqas taghtu opportunita’ jiddefendi ruhu. Dan kien wasal ghal konkluzjoni li kien hemm *wrongful dismissal* u konsegwentement kien hemm tkeccija ingusta *(unjust dismissal).*

F’dan is-sens it-Tribunal Industrijali agixxa *intra vires.* Dan anke fid-dawl ta’ dak li jirrizulta mill-process tal-kaz li juri li l-appellat kellu l-impjieg tieghu terminat fid-data tas-26 ta’ Frar 2010 u f’dik il-gurnata huwa ma nghatax raguni ghaliex kien ser jitkecca.

Fil-verita’ bhala fatt jirrizulta li l-ilmenti mill-Isptar gew a konjizzjoni tas-socjeta’ appellanti biss b’ittra datata 30 ta’ Marzu 2010, u wara li s-socjeta’ appellanti talbet informazzjoni ulterjuri, din irceviet dettalji tal-istess mir-rapport ta’ Marco Buttigieg datat 7 ta’ Mejju 2010 u l-ittra tal-10 ta’ Mejju 2010 miktuba minn Salvina Bonnano.

B’hekk ma hemm ebda dubju li meta tkecca l-appellat ma kienx jaf ghaliex l-impjieg tieghu gie tterminat, u wisq inqas inghata l-opportunita’ jiddefendi ruhu, jew jaghti l-versjoni tieghu. Fil-fatt hija gurisprudenza konstanti tat-Tribunal Industrijali li mpjegat ghandu jkun jaf ir-ragunijiet ghal temm tal-impjieg tieghu u jkollu opportunita’ li jiddefendi ruhu **(“David Mangion vs Melita Cable Television Ltd”** (Dec. Nru. 987 (TI) – 16 ta’ Novembru

1998); **"Clinton John Saliba vs Rover mfg.Co. Ltd"** (Dec. Nru. 1556 (TI) – 9 ta' Novembru 2004); **"Joseph Pullicino vs Auto Sales Limited"** (Dec. Nru. 2005 (TI)– 3 ta' Gunju 2010).

Ma' dan jizdiedu jinghad li t-tkeccija tal-appellat sehhet ukoll bla ma huwa qatt ma inghata ebda twissija jew *warning* u dan irendi l-agir tas-socjeta' appellanti aktar serju, ghaliex ma dan il-fatt irid jizdied ukoll dak li gja nghad u gie stabbilit li l-impjegat ma kienx jaf ghaliex tkecca, u wisq inqas kellu l-opportunita' li jaghti l-versjoni tieghu **("Sarah Jane Gialanze vs Estetika Co. Ltd"** (Dec. Nru. 1834 (TI) – 11 ta' Dicembru 2007).

Dwar dak li huwa hawn elenkat bhala t-tieni aggravju f'din id-decizjoni bl-ittra (b) jirrizulta li fid-decizjoni t-Tribunal Industrijali ha konjizzjoni tax-xhieda kollha prodotta u din giet riportata fl-istess decizjoni. Din ix-xhieda tirreferi ghal dak li sostniet parti u dak li sostniet parti ohra u jidher li mbaghad sar apprezzament ta' provi mit-Tribunal, u dan jidher li sar fil-parametri tal-provi prodotti. Dan l-apprezzament ta' provi, ladarba gew ukoll ikkonsidrati mit-Tribunal huwa punt ta' fatt li mhux fil-kompetenza ta' din il-Qorti li tezamina (**"Peter Spiteri vs Xuereb Glass Co. Ltd"** (A.I.C. – PS) – 10 ta' Ottubru 2010); **"Kenneth Vella vs SeaBank Catering Co. Ltd"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Mejju 2008); **"Carmel Zammit vs Office Group Limited"** (A.I.C. – 4 ta' Ottubru 2011). B'hekk dan l-aggravju qed jigi respint ukoll.

Dwar l-ammont ta' kumpens jirrizulta li la darba kien hemm tkeccija ngusta, mela allura l-ammont ta' kumpens huwa dovut u din il-Qorti thalli l-fissazzjoni tal-istess fid-diskrezzjoni tat-Tribunal **("Remi Armeni vs Francis Busuttil & Sons (Marketing Limited"** – A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011) u hekk ser terga taghmel f'dan il-kaz skont kif deciz fis-sentenzi **"Saviour Sammut vs Auto Sales Limited"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' Ottubru 2005); (**"Peter Spiteri vs Xuereb Glass Co. Ltd"** (A.I.C. – PS) – 10 ta' Ottubru 2010). B'hekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Dwar il-punt li d-decizjoni allegatament ma kenitx motivata, din il-Qorti thoss li dan certament mhux il-kaz odjern, u dan peress li t-Tribunal Industrijali ghamel il-konsiderazzjonijiet tieghu ghaliex wasal ghad-decizjoni tieghu, u dawn il-konsiderazzjonijiet huma tali li jrendu l-istess decizjoni motivata skont il-Ligi. Il-fatt li dan ma huwiex jaqbel mieghu l-appellanti, ma jrendiex tali decizjoni mhux motivata. Din il-Qorti thoss li taht dan l-aspett dan l-ahhar aggravju huwa manifestament bla ebda bazi u qed jigi respint.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellat datata 24 ta' Ottubru 2011 in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Support Services Limited fir-rikors tal-appell datat 5 ta' Ottubru 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk qed tikkonferma ghall kull effett u *buon fini* tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet "Justin Spiteri vs Support Services Limited" (Kaz Nru. 2809/DEG – Decizjoni Nru. 2102) datata 26 ta' Settembru 2011.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Support Services Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------